KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/25

2 ta' Settembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**12.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

12.25.1.1 Ma kienx hemm.

**12.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

12.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

12.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 12.25 ġew approvati unanimament.

12.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**12.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

8.25.4.8 **Ix-Xelter F'Tarag San Ġużepp**

Is-Sindku informa li d-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali (DLG) approva t-talba tal-Kunsill biex jiġi devolut ix-Xelter f'Taraġ San Ġużepp. B'din l-approvazzjoni, l-Perit tal-Kunsill seta' japplika mal-Awtorita` tal-Artijiet. Il-Kunsill qed jistenna l-eżitu tal- Awtorita` tal-Artijiet.

9.25.4.2 **Lejla Rnella 2025**

Is-Sindku ippreżenta rendikont tal-ispejjeż u dħul biex ġiet organizzata l-serata mużikali ta' Lejla Rnella 2025 (Immarkata bħala Dok A). Għal din l-attivita' l-Kunsill ħareġ l-ammont ta' €32,654.70 u daħħal €31,503.10 mid-donazzjoni ta' diversi entitajiet fosthom hemm SmartCity, Paul Parker Movies, Latina Pictures, Heritage Malta, Malta Tourism Authority, Malta Film Commission u Halo Pictures; bilanċ ta' €1,142. Id-DLG iffinanzja il-massimu tal-fondi li jammontaw għal €20,000 u l-Kunsill irid joħroġ tal-inqas 15% fuq dan l-ammont li jiġi €3,000. Madanakollu, l-Kunsill impenja ruħu u rnexxilu joħroġ inqas minn dan l-ammont. Bis-saħħa ta' donazzjonijiet minn l-entitajiet msemmija hawn fuq. Il-Kunsill prepara commitment letter mal-Malta Film Commission peress li d-donazzjoni tagħhom ser tingħata fl-Ewwel Kwart tas-Sena 2026.

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku nforma li l-Awtorita` tal-Ipjannar approvat ir-restorazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fi Trejqet iċ-Ċimiterju u għalhekk twaħħal il-permess relattiv.

## 12.25.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

### 12.25.4.1 Quarterly Report (April – Ġunju 2025)

Is-Sindku semma' li matul ix-xhr ta' April u Ġunju 2025, mil-lat finanzjarju, il-Kunsill reġa' għamel surplus ta' €8,849.

Is-Segaegretarju Eżekuttiv ipprovda spjegazzjoni ddettaljata fuq l-dħul u l-ħruġ tal-finanzi tal-Kunsill għal matul il-perjodu tax-xhur msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill anunimament approva dan ir-rapport.

### 12.25.4.2 Studju dwar l-Impatt Soċjali kkummisjonat mill-Kunsill Reġjonali

Matul l-aħħar sentejn, il-Kunsill Reġjonali Port ħejja rapport wara studju li jitratta l-Impatt Soċjali tar-Reġjun kif ukoll għall-Istrateġija Reġjonali. Ir-rakommandazzjoni ta' dan ir-rapport, wassal sabiex il-Reġjun Port joħroġ finanzjament ta' €5,000 lil kull Kunsill li jaqa' taħt dan ir-Reġjun sabiex b'dawn il-fondi, il-Kunsill jkun jista' jipproponi proġetti appożiti li jallevaw uħud mill-isfidi elenkati fl-istess rapport.

Sal-aħħar ta' Settembru 2025, il-Kunsill irid jinforma l-Reġjun Port bil-proposta tiegħu u sal-aħħar ta' din is-sena, il-Kunsil huwa mitlub jimplementa l-proġett relatat mal-Impatt Soċjali.

Saret diskussjoni fit-tul bejn il-Kunsill fejn ukoll is-Sindku silet partijiet minn dan ir-rapport u għalhekk huwa ppropona li jiġu nstallati *open libraries* f'diversi żoni madwar il-Kalkara. Il-postijiet maqbula ta' fejn għandhom jiġu nstallati l-*open libraries* huwa fi Ġnejnet iċ-Ċkejken Ziam, Ġnien Rnella, Pjazza Sagra Familja u l-Pjazzetta tal-Kapuċċini. Ġew proponuti dawn l-open libraries minħabba li waħda mill-materja elenkata fir-rapport, irriżulta li fir-Reġjun tinsab rata għolja ta' illiteriżmu. Għalhekk b'mod għaqli, il-Kunsill permezz tal-*open libreries* ser ikun qed jixxpruna u jqanqal aktar interess u l-importanza tal-qari f'kull eta`.

### 12.25.4.3 Tindif tal-Ispralli fil-Lokalita`

Kull sena, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb it-tindif tal-ispralli madwar il-lokalita' qabel tagħmel l-ewwel xita matul ix-xahar ta' Settembru. Kif kien innutat s-sena l-oħra, wara li kien tlesta l-proġett tax-Xatt, meta għamel l-ewwel xita, instab li kien hemm xi spralli miżdud u kien intalab l-intervent ta' Clean Malta. Fis-snin ta' qabel, il-Kunsill kien iqabbad kuntrattur.

Din is-sena reġa' ntalab l-istess intervent minn Clean Malta iżda l-Kunsill ġie nfurmat li sabiex dawn jagħtu dan is-servizz, huma bagħtu kwtoazzjoni li teċċedi l-€10,000. Fil-frattemp, għall-fini ta' proċedura, is-Segretarju Eżekuttiv ġabar kwotazzjonijiet oħrajn minn kunratturi oħra. ta' proċedura. diversi kwotazzjonijiet biex isir dan is-servizz ta' tindif. Waħda mill-kwotazzjonijiet mitluba kienet ta' Clean Malta u li kienet l-għola waħda

peress li l-ammont jeċċedi li €10,000. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku ser jikteb b'mod formali lis-Segretarju Parlamenari sabiex il-Kunsill ikun mgħarraf il-pożizzjoni tiegħu ma' Clean Malta għal dan ir-rigward.

12.25.4.4 **Pet Walk**

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill ser jerġa' jorganizza l-Pet Walk. Il-Pet Walk ser issir nhar il-Ħadd, 5 t' Ottubru 2025, filgħodu, f'Jum il-Festa ta' San Franġisk. Il-pjan ta' din is-sena ser ikun imfassal fuq tas-sena u ser issir b'koordinazzjoni mal-Patrijiet tal-Kunvent tal-Kapuċċini.

12.25.4.5 **Clean Up Day**

Il-Kunsill ser jorganizza Clean Up Day li ser issir nhar is-Sibt, 20 ta' Settembru, filgħodu. Permezz ta' din l-attivita', il-Kunsill ser jibbenefika minn fondi tad-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali u li permezz ta' dawn il-fondi ser jinxtaw 5 *doggy-bins* li ser jiġu nsallati fejn postijiet li hemm bżonn.

12.25.4.6 **Proposta Għal Zebra Crossing Ħdejn il-Mina tal-Kalkara**

Il-Kunsill iriċieva sensiela ta' talbiet mingħand residenti fosthom dawk li joqgħdu fi Triq il-Ġenista, il-Kalkara sabiex tiġi nstallata zebra crossing fid-dħul mill-mina tal-Kalkara kantuniera ma' Triq il-Ġenista.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din it-talba peress li qabel ma' sar il-proġett tax-Xatt, kien hemm żewġ zebra crossings; waħda ħdejn il-petshop u oħra ħdejn il-ħanut tat-Take Away. Kien qiegħed jiġi kkunsidrat illi jekk il-Kunsill jaqbel li ssir zebra crossing fejn talbu r-resident, il-Kunsill jikteb lit-ransport Malta għall-parir u approvazzjoni tagħha. Madanakollu, il-Kunsill osserva illi din tista' toħloq aktar periklu minħabba vetturi kbar li jgħaddu minħħa u li jistgħu jżidu aktar riskji meta jiġu biex jitlgħu u/jew jinżlu t-tegħla.

Għalhekk, il-Kunsill unanimament qabel li għalissa din il-materja tiġi diskussa aktar 'il quddiem sakemm ikun hemm aktar ċarizza fuq din is-sitwazzjoni.

12.25.4.7 **Ħsara fil-Van Kommunitarju**

Is-Sindku nforma li bħalissa l-van li jintuża għall-kommunita` jinsab bil-ħsara u ser jittieħed għat-tiswija fil-ġranet li ġejjin.

12.25.4.8 **Ħsara fis-Saqaf tal-Living Room tal-Anzjani**

Is-Sindku kkomunika mal-Kusnill illi bħalissa l-ħaddiema tal-Kunsill għaddejjin b'tiswijiet fis-saqaf tal-Living Room tal-Anzjani li tintuża għal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

**12.25.5 <u>Korrispondenza</u>**

12.25.5.1 **Kwisitjoni Dwar il-Fatturi Pendenti dwar il-Ġbir ta' Skart**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill bil-korrispondenza dwar il-kwistjoni pendenti fuq fatturi tar-Reġjun Port li għadhom ma tħallsuħ minħabba diskrepanzi kbar fit-tunellati tas-skart matul is-sena l-oħra. Ir-Reġjun ser jieħu parir legali dwar din il-kwistjoni.

12.25.5.2 **Anzjanita Attiva'**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza biex il-Kunsill jew Kunsillier jinnomina persuna għall-Premju Anzjanita` 2025.

**12.25.6 <u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Is-Sa Speranza Chircop</u>

12.25.6.1 Is-Sa Chircop infurmat li ser tagħeml ħarga kulturali fix-xahar t'Ottubru.

<u>Is-Sa Maria Sultana</u>

12.25.6.2 Is-Sa Sultana tkellemt dwar il-laqgħa mal-iSchool Grannies li ser tiġi skedata.

12.25.6.3 Is-Sa Sultana infurmat illi l-laqgħat tal-Kunsill tat-Tfal ser isiru fl-24 ta' Settembru,13 t'Ottubru, 1 ta' Novembru u 17 ta' Diċembru 2025.

12.25.6.4 Is-Sa Sultana reġgħet semmiet l-*eye sore* fuq l-imbarazz u l-luzzu mitluq li hemm fil-bitħa tal-iskola. Is-Sindku ser jerġa' jikteb lil Fondazzjoni Kottonera għal rigward il-luzzu li ilu mitluqa hemm u li jinsab fi stat ħażin.

<u>Is-Sur Christopher Bruno</u>

12.25.6.5 Is-Sur Bruno innota li ż-żewġ sinjali li twaħħlu riċentament tal-'falling rock' tneħħew. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm stuzzjoni biex jitneħħew. Ser jiġi vverifikat dwar dan.

**12.25.7 <u>Punti Ġenerali</u>**

12.25.7.1 Is-Sa Chircop proponiet li ssir grada parikolari b'disinn għall-għeluq tas-*service road* f' Misraħ Arċisqof Gonzi.

12.25.7.2 Is-Sa Chricop talbet biex isiru bollards fix-Xatt l-*bollards* fil-liwja qabel ma ddur lejn tal-ħobż peress li ħafna vetturi qed jiksru s-sinjal tat-traffiku. Is-Sindku spjega li dawn huma diga approvati minn Transport Malta u ser jintalbu kwotazzjonijiet għall-*bollards.*

12.25.7.3 Is-Sa Sultana talbet sabiex il-kurduna tas-service road f'Misraħ Arċisqof Gonzi tiġi miżbugħa b'faxx ħalli tkun tidher fid-dlam peress li rċeviet rapporti li qed jaqgħu xi anzjani.

12.25.7.4 Fi żmien meta kien hemm l-Għassa tal-Pulizja, l-għatba tneħħiet meta sar il-proġett tax-Xatt. Is-Sa Sultana kellha talba biex din l-għatba taż-żonqor terġa' titwaħħal. Is-Sindku ppropona li jiktbu l-GHRC u jreqqas din it-talba.

12.25.7.5 Daħal rapport li ħdejn Fort Rinella hemm xi caravans u ċertu nies qed jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom fil-pubbliku. Għalhekk ser tiġi nfurmata l-Community Police.

**12.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

Ma kienx hemm.

**12.25.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**12.25.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vincent Bongailas ssekondata mis-Sur Chrisopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**12.25.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-10.45am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 t'Ottubru 2025, fil-5.30pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 6 t' Ottubru 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**